**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Mejju 2020.**

**Kawza nru: 107/2019 AGV**

**ABC**
**Vs**
**Dr. Victor Bugeja u PL Madeline Firman appuntati kuraturi deputati ghal assenti DEF**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC** datat 10 ta' April 2019 fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi huwa izzewweg lil DEF fl- 10 ta' Frar 2010, f' Buqaqable Somalja.
2. Illi fil- 5 ta' Mejju 2011 kien l-ahhar jum li ra lil martu fejn minhabba ragunijiet serji li npingu fuq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, kellu jahrab mis-Somalja;

3. Illi d-9 ta' Lulju 2013, dahal Malta b'mod irregolari fejn attwalment ghadu jirrisjedi.
4. Illi minhabba ragunijiet serji u ammissibbli mil-Ligi, ir-relazzjoni bejn l-imsemmjija konjugi intemmet u l-partijiet de facto ilhom separati mill- 5 ta' Mejju 2011;
5. Illi sa fejn jaf l-esponenti, l-intimat ghadha tirrisjedi gos-Somalja u ma ghandux mezzi aktar li jaghmel kuntatt maghha;
6. Illi minhabba l-fatti hawn fuq esposti ma huwiex probabbli li fic-cirkostanzi li fih jinsab pajjizu, l-esponent qatt sejjer jirritorna lura jew b' xi mod jerga' jinghaqad ma' martu u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett l-esponenti, jirrikoncilja mal-intimata martu.
7. Illi l-partijiet ma ghandhom ebda propjeta' in komun.
8. Illi ma fadal ebda pendenzi ohra bejn il-partijiet u lanqas jezistu kwistjonijiet bejniethom.
9. Illi ma hemm ebda provvediment jew pretensjoni ghall-manteniment bejn il-partijiet.
10. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonclijazzjoni bejn il-mizzewwgin.
11. Illi wara medjazzjoni numru 2086/2017, b'digriet taghha tad-29 ta' Ottubru 2018, dina l-Qorti awtorizzat lil esponenti jipprocedi ghal divorzju taz-zwieg tieghu hawn anness mmarkat bhala Dok A.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi a tenur tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Qorti joghgobha prevja is-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-artiklu 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezisti dawk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi artikolu 66 B tal-Ligijiet ta' Malta.

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66 C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk joghgobha huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-artikolu 66 A tal-Kap. 16 tal-Ligjiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

**Il-Qorti rat r-Risposta tal-kuraturi Dr .Victor Bugeja u PL Madeline Firman**, datata 21 ta' Ottubru 2019 fejn esponew illi;

Illi l-esponenti, ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet ulterjuri  fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz.

**FATTI**

1. Illi zzewweg lill-intimata DEF fl-10 ta' Frar, 2010 f'Buqaqable, is-Somalja.
2. Ir-rikorrent wasal f'Malta fid-9 ta' Lulju, 2013 b'mod irregolari bhala immigrant mis-Somalja fejn applika ghall-protezzjoni umana mill-Ufficcju tar-Refugjati.
3. Sa  fejn jaf hu l-intimata ghadha tinstab fil-villagg ta' Buqaqable, is-Somalia u l-ahhar li kien raha kien fil-5 ta' Mejju, 2011.
4. Illi l-partijiet ilhom *de facto* sseparati mill-2011 u minhabba c-cirkostanzi f'pajjizu, ir-rikorrent m'ghandu l-ebda intenzjoni li jerga' jirritorna f'pajjizu u ghalhekk ma tezisti ebda cans ta' rikonciljazzjoni.
5. Oltre minn hekk qatt ma kien hemm separazzjoni legali u ghalhekk lanqas ma jezistu kwistjonijiet ta' manteniment.

**IKKUNSIDRAT**

Rat li l-intimat m'opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 B u C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom isseparati *de facto* minn Mejju, 2011. Ir-rikorrent gie Malta bhala immigrant illegali fl-2013 u nghata stat ta’ refugjat. Ikkonferma li m’ghandu ebda intenzjoni li jirritorna lura s-Somalja u ilu ma jara lill-intimata peress li ghadha tghix is-Somalja.

Jirrizulta li ma kienx hemm separazzjoni u ghalhekk lanqas hemm pendenzi ta’ manteniment u dan minhabba l-fatt li m’ghandu l-ebda kuntatt mal-intimata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66C tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

3. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**